MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 840/2007

Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detenur tal-karta tal-identita` umru 258269 ittra “M”, bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Société des Produits Nestlé S.A., ta’ Vevey, l-Izvizzera
vs
R.B. Trading Ltd (C 30616), ta’ 62/5 Amery Street, Sliema

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta’ Dr. Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D. bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Société des Produits Nestlé S.A., ta’ Vevey, l-Izvizzera li bih eccepixxa:

1. Illi Illi s-socjeta` rikorrenti maghrufa sew madwar id-dinja inkluz f’Malta, ***inter alia*** in konnessjoni mal-prodotti ta’ kafe` NESCAFE`, hija proprjetarja ta’ diversi ***trademarks*** li jkopru dan in-negozju taghha fosthom it-***trademarks*** bin-numri ta’ registrazzjoni 8710 –

Nescafe` (kelma, b'effett mid-29 ta' Lulju 1966), 12657 – Nescafē (tikketta, b'effett mill-21 ta' Gunju 1976), 21152 – Nescafe Classic (kliem, b'effett mill-14 ta' Jannar 1992) u 23069 – Nescafē (tikketta, b'effett mid-9 ta' Marzu 1994), u f'kull kaz ***inter alia*** dwar prodotti ta' ***instant coffee***;

2. Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta` rikorrenti kisbet reputazzjoni u avvjament enormi (inkluz f'Malta), in konnessjoni mat-***trademarks*** taghha;

3. Illi fl-ahhar kwart tas-sena 2005 is-socjeta` intimata importat f'Malta minn Dubai fl-Emirati Arabi Uniti u cioe` minn barra l-Arja Ekonomika Ewropeja (EEA), kunsinna konsistenti f'1659 kontenituri (***cartons***) li kien fihom vazetti kontenenti ***instant coffee*** tal-prodott Nescafē ***classic,*** bit-***trademarks*** tas-socjeta` rikorrenti fuq l-istess vazetti;

4. Illi dan l-agir min-naha tas-socjeta` intimata, u cioe` t-tqeghid fis-suq ta' vazetti ta' ***instant coffee*** li fihom it-***trademarks*** tas-socjeta` rikorrenti, liema oggetti gew importati f'Malta minn Dubai fl-Emirati Arabi Uniti u cioe` minn barra l-Arja Ekonomika Ewropeja (EEA), sa minghajr il-kunsens ta' l-istess socjeta` rikorrenti u jikkostitwixxi b'daqshekk kontravvezjoni ta' ***trademarks*** li jledi l-jeddijiet ta' l-istess socjeta` rikorrenti, dan kollu ai termini tad-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Att tal-2000 dwar it-***trademarks***, Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta, u partikolarment tal-artikoli 9(1) u 10(1) ta' l-istess Att illi, ***inter alia***, japplikaw ghal dan il-kaz;

5. Illi minkejja li s-socjeta` intimata kienet giet mgharrfa u interpellata b'dan kollu permezz ta' ittra bonarja datata 5 ta' Jannar 2007, hija xorta wahda baqghet inadempjenti;

6. Illi r-rikorrent ***nomine*** jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati;

7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ir-rikorrent ***nomine*** talab lill-Qorti:

(1) tiddikjara li l-agir min-naha tas-socjeta` intimata konsistenti fit-tqeghid fis-suq ta' oggetti importati f'Malta minn Dubai fl-Emirati Arabi Uniti u cioe` minn barra l-Arja Ekonomika Ewropeja (EEA), liema oggetti jikkonsistu f'vazetti ta' ***instant coffee*** li fihom it-***trademarks*** tas-socjeta` rikorrenti minghajr il-kunsens taghha, jikkostitwixxi kontravvenzjoni tat-***trademarks*** tas-socjeta` rikorrenti registrata f'Malta bin-numru 8710 – Nescafe` (kelma), 12657 – Nescafē (tikketta), 21152 – Nescafe Classic (kliem) u 23069 – Nescafē (tikketta) rispettivament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 5 ta' Jannar 2007, kontra s-socjeta` intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent ***nomine.***

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensur tar-rikorrent ***nomine***.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat li s-socjeta` intimata debitament notifikata skond il-ligi ma ipprezentatx risposta u ghalhekk baqghet kontumaci, u anqas deher hadd ghaliha ghas-seduta tat-3 ta' Lulju 2008.

Rat li Dr. Luigi Sansone fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2008 iddikjara li ma hemm ebda zvilupp mill-prezentata tar-rikors 'il hawn.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq kontumacja tas-socjeta` intimata, it-talba tar-rikorrent ***nomine*** hija gustifikata u l-Qorti qed tilqaghha filwaqt li tiddikjara li l-agir min-naha tas-socjeta` intimata

konsistenti fit-tqeghid fis-suq ta' oggetti importati f'Malta minn Dubai fl-Emirati Arabi Uniti u cioe` minn barra l-Arja Ekonomika Ewropeja (EEA), liema oggetti jikkonsistu f'vazetti ta' ***instant coffee*** li fihom it-***trademarks*** tas-socjeta` rikorrenti minghajr il-kunsens taghha, jikkostitwixxi kontravvenzjoni tat-***trademarks*** tas-socjeta` rikorrenti registrati f'Malta bin-numri 8710 – Nescafe` (kelma), 12657 – Nescafē (tikketta), 21152 – Nescafe Classic (kliem) u 23069 – Nescafē (tikketta) rispettivament.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------